# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 82, miżmumha nhar 17 ta' Lulju 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fit-tmienja neqsin għaxra ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| • Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| • Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Keith Cassar | Mosta LC | Membru |
| • Graziella Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Mauro Miceli | Swieqi LC | Membru |
| • Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Dean Hili - | Pembroke LC | Membru |

- Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Ittri ta appologiiji
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Rapporti
5. Korrispondenza;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Hwejjeġ oħra:
8. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri tal-attendenza. Irringrazzja ukoll lil Ivan Bartolo u lit-Tabiba Maria Deaguara tas-sehem u l-kontribut li taw lir-Regjun matul is-snin. Ferħilhom għan-nom tar-reġjun għall-ħatra tagħhom bħala membri parlamentari. Il-President ippropona lill-membri li r-Regjun jistieden għall-ikla lill-Ivan Bartolo u lil-Maria Deguara bħala ringrazzjament għax-xogħol li wetqu għar-Reġjun Tramuntana.
Paul Vella issekonda il-mozjoni
Il-membri qablu unanimament għal din il-proposta.

## 1. Qar ta' Appologiji

Is-sinjuri Peter Sant Mnduca, kienu skuzati.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 81 miżmumha fit-20 ta' Ġunju 2017, ittieħdu bħala moqrija. Charles Azzopardi ippropona li jkunu approvati. Issekonda Paul Vella. Il-minuti kienu approvati mill-membri kollha unanimament.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

60

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

Graziella Galea staqsiet dwar it-tender tal-street lights. Is-Segretarju Eżekutiv spjega li l-inġinier Galea Curmi kien qed jevalwa l-offerti mitfuħa u qed ilesti rapport għall-Bord ta' l-Għażla. Spjega wkoll li numru ta' Kunsilli kienu ikkonfermaw l-għażla tagħhom li jingħaqdu ma' dan it-tender. Kien għad-fadal il-Kunsilli Lokali ta Pembroke, Ħad-Dingli u Swieqi biex jiddeciedu. Rigward is-sistema ta' l-Street Light Programm Manager. Is-Segretarju Eżekutiv spjega li din issa lesta biex tibda tintuza, id-dettalji tal-Kunsilli Lokali kollha kienu ddaħlu fis-sistema u li ser issir laqgħa mas-segretarji eżekutivi biex tigi spjegata is-sistema.

Anton Mifsud talab lill-Kunsilli biex fi żmien ħmistax jiddeciedu il-posizjoni tagħhom ħalli jitmexxa il-process.

## 4. Komunikazzjoni mill-President

Il-President Anton Mifsud informa lill-membri li ser ikolli laqgħa mas- Segretarju Parlamentari Silvio Parnis il-Ġimgħa fis-sagħtejn fejn ser jitkelmu fuq ir-Reġjuni u Budget għalihom. Il-President talab lis-Segretarju Ezekutiv ittih l-ispejjes kollha tar-Reġjun għal din il-laqgħa.

## 5. Rapporti

Is-segretarju Eżekutiv, ippreżenta r-rapport finanzju għall-ewwel tlett xhur tas-sena. Il-laqgħa twaqfet sabiex l-accountant ikun jista' jispjega r-rapport.
Emvin Bartolo ippropona li ir-rapport ikun approvat.
Charles Azzopardi issekonda il-mozjoni.
Il-membri qablu lir-rapport ikun approvat.

Is-segretarju resaq għad-diskusjoni proposta sabiex tibda titnaqqas 20% fi sena bħal provizjoni ta' 'bad debt' mill-flus li għad għandhom jinġabbru mic-citazzjonijiet maħruga bejn 2011 u 2015. Il-membri iddiskutew din il-proposta. Il-President Anton Mifsud ippropona li din il-proposta tkun milquwa. Graziella Galea issekondat din il-mozjoni. Il-membri qablu ma' din il-proposta.

Fi 20.30hrs, il-Perit Galea kellha tħalli l-laqgha.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Korrispondenza

Ir-Regjun kien ircieva korrispondenza minn għand RSS rigward il-ħlas ta sarha dovuta lil ħaddiema talli ħaddmu fl-attivita' Festa Agrarja Ħad-Dingli. Is-segretarju eżekutiv intalab jikteb lil RSS li r-Reġjun mhux ser iħallas sarha, u għandha tilqa' il-proposta ta' time off hekk kif kien miftiehem qabel l-attivita'.

## 6 Approvazzjoni tal-Pagament

Is-segretarju Eżekutiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 82. Charles Azzopardi ippropona, Emvin Bartolo issekonda li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata. qabel.

**Affarijiet ohra**

Stedina lil Segretaju Parlamentari

Is-Segretarju eżekutiv intalab jikteb lis-Segretarju Parlamentari Parnis sabiex jattendi għal-laqgħa li jmiss tar-Reġjun u jiltaqa mal-membri

Fondi ESC u AKL

Il-Membri qablu li l-minuti tal-laqgħa mizmuma il-lum stess rigward attivitajiet Kulturali, u tal-ESC plan ikunu annessi ma' dawn il-minuti.

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra u nofs ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fl- 18 ta'Awissu 2017, fis 19.30 hrs. .

| Anton Mifsud | George Abdilla |
|---|---|
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum ...12 ta' Settembru 2017